MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 686/2007

**XALAT CO. LTD (C 18366)**

vs.

**SOVEREIGN HOTELS LTD. (C10538),** u b'degriet ta' l-4 ta' Diċembru, 2007 ġiet imsejħa fil-kawża Crown Hotels Ltd. (C22101)

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-25 ta' Ġunju, 2007, li bih u għar-Raġunijiet hemm imfissra s-soċjeta' attriċi talbet il-kundanna tal-kumpannija intimata għall-ħlas tas-somma ta' Lm 5891.32[1] rappreżentanti bilanċ minn somma akbar ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-kumpannija mħarrka;

---

[1] Ekwivalenti għal €13723.08 fi flus tal-lum

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2007, li bih awtorizzat it-tiswija ta' l-isem tal-kumpannija intimata;

Rat id-degriet tagħha ta' l-4 ta' Diċembru, 2007, li bih ordnat is-sejħa fil-kawża tal-kumpannija Crown Hotels Ltd;

Rat illi l-atti tar-Rikors u l-Avviż tas-Smigħ ġew debitament notifikati lis-soċjeta' intimata u lil dik imsejħa fil-kawża li naqsu li jippreżentaw Tweġiba Maħlufa u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Rat in-nota tas-Soċjeta' attriċi li biha rriduċiet it-talba għal €9401.74 fil-konfront tal-kumpannija intimata Sovereign Hotels Ltd. stante ħlas akkont fil-mori tal-kawża, fil-waqt li żammitha sħiħa għall-ammont ta' €3901.71 fil-konfront tal-kumpannija msejħa fil-kawża Crown Hotels Ltd;

Eżaminat l-atti tal-kawża,

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba kif hekk imnaqqsa tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta u tas-soċjeta' msejħa fil-kawża, tiddeċiedi billi:

1. Filwaqt li **tastjeni milli tqis iżjed l-ewwel talba** u dan fid-dawl tad-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2007;

2. **Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija intimata Sovereign Hotels Ltd. tħallas is-somma ta' disat elef erba' mija u euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€9401.74) flimkien ma' l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-18 ta' Settembru, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv; u tikkundanna lill-kumpannija msejħa fil-Kawża Crown Hotels Ltd. tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tlitt elef disa' mija u euro u wieħed u sebgħin ċenteżmi (€3901.71) flimkien ma' l-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ mill-15 ta' Jannar, 2008, sal-jum tal-ħlas

effettiv; liema somom jirrappreżentaw il-bilanċ tal-prezz ta' merkanzija lilhom mibjugħa u konsenjata mill-kumpannija rikorrenti.

Bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-kumpannija mħarrka u dik imsejħa fil-kawża solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------